

Brussell, 20 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5373/23

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0325(NLE)

PECHE 15

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed - Adozzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 43(3) TFUE, fl-14 ta' Ottubru 2022¹. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 skont il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM). Il-Kummissjoni aġġornat il-proposta b'dokument informali ppreżentat fit-23 ta' Novembru 2022².
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 u d-dokument informali fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022.
3. Fis-7 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħejja l-punt billi indirizza l-kwistjonijiet pendenti bil-ħsieb li jinstab qbil politiku fil-Kunsill.
4. Il-Kunsill Agrikoltura u Sajd laħaq qbil politiku³ fis-sessjoni tiegħu tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2022. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-ġuristi lingwisti ffinalizzaw it-test.

¹ ST 13592/22 + ADD 1

² ST 14899/22

³ ST 15752/1/22 REV 1

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill jadotta, f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, ir-Regolament tal-Kunsill dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti fid-dokument ST 16125/22 u biex jieħu nota tad-dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-addendum għal din in-nota.
-